**Int min int?**

Daqqa għalik jgħaddi kollox
Daqqa jeħel kull ftit,
Iddeċiedi ftit f'ħajtek
Eżattament xi trid.

Għalik komma tant wiesa’
Titkaża b'ħaddieħor,
Insejt it-tgħaffiġ tiegħek?
Għax titfgħu fuq l-ieħor?

Għax tistaqsi kif ħallewk
Meta twarrab l-oħrajn?
Ma taf li tagħmel l-għajrek
Qed ikabrek mill-għajn?

Għax tweġġa' b'tant kefrija
Lil min b'qalbu mar fdak?
Ġibt il-ġebla fuq saqajk
B'li tagħmel issir frak.

Għadek fiċ-ċans li taqbad
Triq il-vera barka,
Ħenn għal min mar tak qalbu
Hekk tistejqer farka.

Ftakar dejjem li jekk int
Twarrab 'l Alla titlef,
U jekk se tpoġġieħ l-ewwel
Għalik il-ġid jixref.

Hallik mill-għaliex u kif
Agħmel dejjem il-ġid,
Għax Kristu warajk jiġri
Int tassew tħobbu trid?

Patri Mario Attard OFM Cap
2 ta' Jannar 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.